MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 820/2003

**Saint Springs Limited**

**Vs**

**Maurice Gruppetta ghan-nom ta National Swimming Pool Complex u b'digriet tat-Tribunal tal-21 ta Mejju 2004 il-Kunsill Malti ghall-Isports assuma l-atti tal-kawza minnflok il-konvenut Maurice Gruppetta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta April 2003 fejn intalab li l- konvenut nomine ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa mija u hamsa u ghoxrin lira tmienja u disghin centezmu (Lm925.98) rapprezentanti valur ta kimika zejda li kellha tigi fornita mis-socjeta attrici a kariku tal-konvenut fil-perjodu ta bejn Lulju u Awissu 2002 u dan a tenur ta klawsola numru hamsa tal-ftehim bil-miktub Dok A iffirmat bejn il-kontendenti.
Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut nomine.

Ra r-risposta tal-konvenut nomine datata 30 ta Mejju 2005 li bl-aktar mod generiku u vag ikkontesta t-talbiet attrici.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tas-socjeta attrici.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta` attrici qieghdha tintavola t-talba taghha a bazi tal-artikolu 5 tal-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti a fol 2 tal-process liema klawsola tghid:-
*"The operator is responsible for any extra costs incurred by the company in the supply of additional chemicals in the event of damage caused to the outside swimming pool water as a result of unusual circumstances such as storms ect".*

Illi ghalhekk is-socjeta attrici ghandha l-oneru li tipprova li (1) issupplixxiet kimika addizzjonali u l-valur relattiv tal-istess minnhabba (2) hsara kawzata fl-ilma tal-pool ta barra (3) per konsegwenza ta cirkostanzi mhux soliti.

Fl-affidavit taghha Svetlana Alexeva direttrici tas-socjeta attrici tgid illi fix-xhur ta Lulju u Awissu tas-sena 2002, il-kumpanija kellha kimika addizzjonali cioe aktar mis-solitu sabiex izzomm l-igene tal-ilma tajjeb minnhabba numru ta cirkostanzi cioe (a) kien hemm kompetizzjonijiet organizzati fil-pool (b) inzamm kuncert tal-muzika madwar il-pool area (c) l-ilma tal-pool kien qed jingieb minn boreholes supplit minn kuntratturi privati fejn hemm kien jingieb mill-Gvern. Qabel ma l-ilma gie trattat b'din il-kimika addizzjonali s-sur Gruppetta gie mgharraf b'dan u approva x-xoghol pero l-valur tal-istess baqa qatt ma thallas. L-ammont mitlub jinsab kopert b'zewg invoices esebiti a fol 16 u 17 tal-process.

Ix-xhud Ronald Darmanin Kissaun ghas-socjeta attrici jikkonferma in sustanza l-fatti ndikati minn Svetlana Alexeva.

Illi meta xehed Maurice Gruppetta ghal Kunsill Konvenut huwa kkonferma li kien iffirma l-kuntratt Dok A f'isem u in rapprezentanza tan-National Swimming Pool Complex, illum gestit mill-Kunsill Malti ghall-Isport. Jaf li nqalghet kwistjoni mas-socjeta attrici pero', ma kienx f'posizzjoni li jiftakar id-dettalji taghha peress li jghid li nesa.
Jiftakar pero li kienu sejhu lis-socjeta attrici sabiex isolvi l-problema li kienet qed tinqala cioe dik li l-ilma kien qed jidher imdardar aktar mis-soltu, liema problema, huwa jikkonferma li s-socjeta attrici kienet solvietha tramita xoghol esekwit mill-haddiema taghha.

Illi mill-provi migjuba f'dan il-process, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta attrici irnexxielha tipprova soddisfacentement il-kaz taghha u li t-talba taghha tinkwadra tassew fil-parametri tal-klawsola numru hamsa (5) tal-Kuntratt ffirmat bejn il-kontendenti esebit a fol 2 (Dok A) tal-process partikolarment meta tqis ic-cirkostanza ta meta gie organizzat kuncert tal-muzika madwar il-pool area sahansitra ttella stand u twahhlu dwal gewwa l-pool innifsu.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-Kunsill konvenut, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-Kunsill Malti Ghall-Isports, li assuma l-atti kollha tal-kawza fis-16 ta Settembru 2004, ihallas lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta Lm925.98 bl-interessi legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta  dan l-avviz u bl-ispejjes kontra l-istess Kunsill Konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------